**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 279/19 AGV**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-14 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-hdax (11) ta' Novembru 1989 fil-Knisja ta' San Guzepp l-Imsida, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 2160/1989 (Dok A).
2. Illi minn daz-zwieg twieldu tlett itfal ossia tewmin bl-isem ta' DE u FG li twieldu fis-sebgha (7) ta' Dicembru 1990 li llum huma maggorenni u kif ukoll H li twieldet fid- 19 ta' Jannar 2003 u ghalhekk ghadha minorrenni.

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Ottubru 2011 ( Cit Nru : 1029/2003) fl-ismijiet Simone Micallef pro et noe vs Emanuel Micallef, liema sentenza ghaddiet in gudikat ( *Vide Dok B)-kopja legali ta' dis-sentenza sejra tigi debitamentipprezentata fir-registru Pubbliku ta' dina l-Qorti fl-atti ta' dina l-kawza jew fid-data tal-ewwel seduta);*
4. Illi sussegwentament, ghal dan il-partijiet ffirmaw kuntratt ta' assenjazzjoni ta' immobbli wara x-xoljimet tal-komunjoni tal-akkwisti datat 3 ta' Mejju 2019 fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg ( Vide Dok C) fejn huma taw effett ghal dak li gie deciz fis-sentenza fuq citata in kwantu ghal-assenjazzjoni u d-divizjoni tal-attivi u passiv tal-komunjoni tal-akkwisti li kien ezistenti bejn il-partijiet u kif ukoll ittransigu l-pendenzi kollha li kien ghad fadal bejniethom;
5. Illi l-partijiet ilhom separate de jure mis- 27 ta' Ottubru 2011, u kienu sseperati de facto ferm qabel dik id-data tant illi l-kawza giet intavolata fis-sena 2003;
6. Illi ma hemmx dubju illi z-zwieg taghhom ma huwiex rekuperabbli u ma hemm l-ebda prospettiva ragjonevoli illi l-partijiet jerghhu jirrikonciljaw u kull wiehed minnhom jghixu hajja totalment separata minn xulxin;
7. Illi ir-rikorrenti jiddikjara illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment dovut lil CB u dana hekk kif muri mill-premessa indikata bl-ittra D (d) u klawsola 2(i) tal-kuntratt su-imsemmi;
8. Illi a rigward DE u FG, dawn illum ghandhom 28 sena u ghalhekk ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront taghhom u lanqas ma' hemm xi pendenza fir-rigward;
9. Illi a rigward H, il-mantiment li r-rikorrenti gie ordnat li jhallas ghaliha permezz tas-sentenza su-citata qed jigi debitament mhallas u ma hemm l-ebda pendenzi f' dar-rigward.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat- 30 ta' Lulju fejn gie dikjarat li l-konvenuta ma ghadhiex oggezzjoni ghal tali talba.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet jikkonfermaw ir-rikors kongunt taghhom *seduta stante.*

**DECIDE**

Il-Qorti, ghalhekk, tilqa' t-talbiet.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**